# L-Arċisqof iżur iċ-Ċentru Iżlamiku f'Kordin

minn John Pisani

L-Arċisqof ta' Malta, Monsinjur Paul Cremona O.P. għamel żjara fiċ-Ċentru Iżlamiku u l-Moskea f'Kordin liema żjara ġiet imfissra bħala waħda li turi solidarjetà bejn żewġ reliġjonijiet.

Mal-wasla tiegħu f'Kordin, l-Arċisqof ġie milqugħ mill-Imam Mohammed El Sadi u d-Direttur taċ-Ċentru Wagdi Nashnosh. L-Arċisqof iddaħħal fil-Moskea fejn anke għamel talba flimkien mal-Imam quddiem il-Kabaa.

Wara huwa ttieħed idur l-iskola Mariam al Batool. Mons. Cremona ddawwar mill-Kap ta' l-iskola, Maria Camilleri. Hija spjegat lill-Arċisqof li l-Kommunità Iżlamika f'Malta hija waħda mill-akbar komunitajiet u għalhekk inħasset il-ħtieġa li jkun hawn skola għat-tfal minħabba li l-iskejjel ta' l-Istat ma jgħallmux ir-reliġjon Iżlamika. Hija qalet li hi personali hija Kattolika, iżda tħoss li l-involviment tagħha fil-komunità Iżlamika kompliet issaħħaħ ir-relġjon tagħha għax kulħadd huwa ħolqien t'Alla.


Mons Arċisqof Paul Cremona milqugħ mill-Imam Mohammed El Sadi fil-Moskea f'Kordin

F'din l-iskola jattendu madwar 180 student minn Kindergarten għal Sekondarja

# Mons. Isqof Nikol Cauchi jagħlaq 79 sena

Jirrapporta minn Għawdex: Charles Spiteri

Il-Moviment *Pro Sanctitate* f'Għawdex bħas-snin l-imgħoddija organizza Jum l-Isqof Nikol G. Cauchi, din is-sena fl-okkażjoni tad-79 mit-twelid tiegħu.

Bħala att ta' rikonoxxenza lejn il-ħidma ta' Mons. Isqof Cauchi, nhar il-Ħadd 2 ta' Marzu, fis-7.00 ta' filgħaxija, fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb, fir-Rabat, Għawdex, Mons. Isqof Cauchi mexxa quddiesa konċelebrata flimkien ma' Mons. Isqof Mario Grech u għadd kbir ta' Saċerdoti tad-Djoċesi.

Mons. Isqof Cauchi radd ħajr lill-Mulej għal dak kollu li għamel miegħu tul dawk is-snin kollha. Imbagħad għadda biex irringrazzja lil dawk kollha li f'dik l-okkażjoni tawh l-awguri tagħhom kif ukoll lil dawk li għenuh tul dawn is-snin kollha. Kelmtejn oħra saru mill-Isqof Mons. Mario Grech fejn awguralu aktar snin ta' ħidma fid-Djoċesi.


Mons Isqof Nikol Cauchi waqt id-diskors tiegħu ta' l-okkażjoni


Waqt il-qari ta' l-ewwel lezzjoni mill-Assistenta Superjura Ġenerali tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M Pauline Grech.

L-ewwel lezzjoni inqrat mill-Assistenta Superjura Generali tas-Soċjetà tal-M.U.S.E.U.M, Pauline Grech, waqt li Tarcisio Gauci, membru anzjan u attiv tal-Leġjun ta' Marija, qara t-tieni lezzjoni. L-evanġelju nqara mill-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, Mons. Arċidjaknu Giovanni Bosco Gauci. It-talba tal-fidili nqrat minn oħt Mons. Isqof Cauchi, Tereżina Cauchi. Waqt li l-offerti tal-quddiesa ttellgħu mill-pubbliku miġbur bi ħġaru fil-Knisja tar-Ragħaj it-Tajjeb.

Wara, fis-sala taċ-Ċentru Pastorali, fost ċapċip ta' dawk preżenti, Mons. Isqof Cauchi qasam kejk ta' l-okkażjoni.

Mons. Isqof Cauchi xtaq jieħu din l-okkażjoni sabiex, permezz ta' *The Maltese Herald*, jibgħat it-tislijiet tiegħu lill-Għawdxin u l-Maltin ta' l-Awstralja u jwegħdhom it-talb tiegħu ta' kuljum.


Mons Isqof Cauchi jwassal it-tislijiet tiegħu permezz tal-korrispondent f'Għawdex Charles Spiteri


Uħud mis-saċerdoti li kkonċelebraw fil-quddiesa